SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**LAQGĦA B' URĠENZA**
**Il-KONTINWAZZJONI TAS-SEDUTA NUMRU 31**

**IL-ĦAMIS 26 ta' NOVEMBRU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**
Din il-laqgħa qed tissejjeħ b' urġenza mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku Joe Bonello u l-Kunsillier Paul Fenech biex jiġu diskussi x-xogħlijiet pendenti mill-agenda preċedenti.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊ SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |

**SKUŻATI**

| | |
|---|---|
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega rapport dwar l-intervisti li saru fuq iż-żewġ persuni li applikaw għal vaganza ta' skrivana skala 15 mall-Kunsill.
   Wara diskuzzjoni, l-Kunsill ideċieda dwar is-Sinjorina Ingrid Borg. Id-deċizzjoni dwar din il-persuna ittieħdet minħabba li din għandha esperjenza ta' xogħol. Il-Kunsill ideċieda ukoll li din il-persuna għandha tibda mill-1 ta' Diċembru 2009.

2. Kundizzjonijiet ta' xogħol ta' l-iskrivana Tania Randisi.
   Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din l-impjegata għandha bżonn li tassisti mat-tifla tagħha meta tispiċċa mill-iskola, għaldaqstant qed titlob li minn full-time employment tiġi part-time b' siegħat li ma jaċċedux akar minn 33siegħa fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel li din l-impjegata tiġi fuq bażi part-time sakemm tigber t-tifla biżżejjed li tkun tista tieħu ħsieb lillha innifisha w tasal d-dar mingħajr għajnuna tal-ġenituri.
   Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġerixxa li għandu ssir kuntratt ta' 3 snin li jiġi rivedut skont il-ħtieġa. Il-Kunsill ma qabilx pero' qabel li għandu jsir kuntratt indefinit skont il-ħtieġa kemm ta' l-impjegata kif ukoll tal-Kunsill.
   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dan il-forma ta' kuntratt ser jiddiskutih mad-dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mall-Union ta' l-impjegata UHM.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed issir kwantita' ta' patching fit-toroq tal-Madliena. Il-Viċi Sindku qed ikun preżenti waqt dawn ix-xogħlijiet li jibdew mit-8.00a.m. ta' filgħodu sas-1.00p.m. ta' wara nofsinhar. Il-Viċi Sindku staqsa jekk jistax jagħmel użu minn żewġ ħaddiema li jaħdmu ma' VC Contractors bi stima ta' €10.50 fis-siegħa kull wieħed. Dan biex jitħaffef il-proċess tax-xogħol patching qabel ma tibda x-xita. Il-Viċi Sindku jikkalkula li x-xogħlijiet ta' patching, dawk li huma gravi jitlestew f' sebgħa t'ijiem. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi Sindku. Il-Kunsillier Fenech ssekonda.

## II APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha ppreżentati ġew approvati.

2. Il-Kunsillier Fava reġa nforma dwar it-tibdil li kellu jsiru fuq il-formola schedule of payments. Dan it-tibdil kellu jinkludi fl-liema seduta ġew diskussi w approvati l-kwotazzjonjiet.
   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li ser issir laqgħa bejn l-accountant tal-Kunsill, il-Kunsillier Fava u s-Segretarju Eżekuttiv biex tiġi diskussa l-possibilta' ta' bdil fl-isekda tal-pagamenti.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III AFFARIJIET OĦRA

1. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' l-Onorevoli Chris Said dwar ir-resurfacing tat-toroq tal-Madliena. Fil-laqgħa, is-Segretarju Parlamentari ssuġġerixxa li mill-aktar fis għandha ssir sejħa għall-offerti. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar jekk waslitx il-fondi għall-imsemmija xogħlijiet. Il-Sindku w l-Viċi Sindku informa li dawn dalwaqt jiġu allokati lill-Kunsill.
   Il-Kunsill qabel unanimament li ssir is-sejħa għall-offerti.

Billi ħadd mill-Kunsilliera ma kellu aktar x' jiddiskuti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6.30p.m.

**Sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2009 fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**